# Ludovico Mifsud Tommasi u l-Kurunella lil San Ġiljan

Kitba ta' Andrew Borg

## Introduzzjoni

Fost it-teżori li għandna merfugħa fl-Arkivju tal-Parroċċa li kien beda l-mibki Dun Anton Sciberras biswit il-Knisja ta' Lapsi, nsibu xi kopji tal-Kurunella ta' San Ġiljan, li ħallielna b'wirt Mons Ludovico Mifsud Tommasi. L-isem ta' dan il-persunaġġ, kif se naraw proprju f'dan l-artiklu, huwa wieħed li nsibuh assoċjat mat-talb u t-tifħir lil Alla u lill-qaddisin kotrana tiegħu, ibda bil-Madonna, il-Verġni Imbierka u dak li kien maħtur sa mill-eternità biex jindokraha, il-kbir patrijarka San Ġużepp. Se nibdew dan l-artiklu billi nagħtu tagħrif dwar dan is-saċerdot kbir li kellu d-don tal-orazija u tal-pinna mirquma; imbagħad se nimirħu fost xi ftit mill-ħafna versi li bihom sebbaħ lill-Ħallieq u lill-Qaddisin Tiegħu, u fl-aħħar sintendi se nagħlqu billi niffukaw fuq il-kurunella minsuġa lill-qaddis maħbub tagħna, San Ġiljan.



L-Awtur tal-Kurunella lil San Ġiljan, Ludovico Mifsud Tommasi

## Min Kien Ludovico Mifsud Tommasi?

Ludovico Mifsud Tommasi twieled f'Bormla fl-1796. Kien l-ewwel tarbija li twieldet lil Franġisku Mifsud u Anġelika Tommasi, li eventwalment rabbew miegħu erba' subien oħra u sebat ibniet. Kif kienet id-drawwa dak iż-żmien, l-ewwel tifel kien imħeġġeġ biex isir saċerdot u hekk insibu li fl-età żgħira ta' 10 snin Ludovico kien diġà qed jirċievi l-edukazzjoni tiegħu fis-Seminarju, li dak iż-żmien kien l-Imdina, fejn ddaħħal bħala *boarder*. Huwa kompla l-istudji tiegħu l-Università ta' Malta. Huwa ggradwa fit-Teoloġija fl-Università ta' Malta u kien ordnat saċerdot fil-21 ta' Marzu 1821. Dun Anton Sciberras jgħidilna li *kien qassis ħabrieki, qaddis u għaref.*

Sadanittant huwa kompla l-istudji tiegħu ġewwa Ruma, fejn kiseb id-Dottorat fil-Liġi Ekkleżjastika u f'dik Ċivili. Il-ħidma pastorali tiegħu bdiet ġewwa Bormla, fejn aktar'il quddiem kellu wkoll jinħatar kanonku ta' din il-Kolleġġjata ddedikata lill-Marija Immakulata. Dan seħħ f'Jannar 1858. Iżda l-ħidma pastorali tiegħu infirxet ma' Malta kollha, għax kif igħidilna Dun Anton Sciberras, *kien oratur mill-aqwa, predikatur u konfessur tal-Kleru*.Il-ħidma pastorali tiegħu, mid-dehra, ġibdet l-attenzjoni mhux biss tal-awtoritatjiet ekkleżjastiċi Maltin iżda anke dawk ta' Ruma, għaliex wara seba' snin ta' ħidma pastorali f'Bormla, huwa kien nominat mill-Papa Piju VIII biex ikun l-ewwel arċipriet tal-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. Jingħad li din in-nomina ma ġietx ratifikata lokalment, minflok, Dun Anton ikompli jgħidilna, il-Kurja lokali offrietlu l-post ta' Arċipriet tal-Katidral tal-Imdina, iżda hu deherlu li ma kellux jaċċetta. Barra t-titlu ta' Kanonku ta' Bormla li diġà aċċennajna għalih, Mifsud Tommasi ngħata wkoll it-titlu ta' Monsinjur tal-Katidral ta' Malta. Dan seħħ fil-15 ta' Ġunju 1868. Dun Ludovico kien ukoll iħobb jgħallem. Filfatt għallem kemm fis-Seminarju tal-Imdina mbagħad il-Furjana, kif ukoll ta' lezzjonijiet tal-privat lil dawk li kienu jħossu s-sejħa għas-saċerdozju. Saħansitra jingħad li fetaħ skola fil-Belt Valletta fejn kien jingħata tagħlim fil-lingwi, fix-xjenza, fil-letteratura u fil-filosofija.

Iżda l-ħidma tal-Kan. Ludovico Mifsud Tommasi spikkat f'żewġ kampi importanti li huwa għaraf jgħaqqad b'rahan ta' kull ġid għat-tnejn li huma. Kien iħobb ħafna l-Liturġija u xtaq li l-poplu jifhem iktar x'ikun qed iseħħ waqt iċ-ċerimonji u l-funzjonijiet varji li jsiru fi ħdan il-Knisja. Kien ukoll iħobb l-ilsien Malti. Dwar dan Dun Anton Sciberras igħidilna li *kien poeta u kittieb tal-Malti u l-ewwel wieħed li ħass il-ħtieġa li fil-Liturġija, fit-Talb u fil-funzjonijiet tal-Knisja, jintuża l-ilsien tal-poplu – il-Malti*. Mannicaro jikkonferma dan meta jistqarr li l-*Liturġija kienet teżor kbir li ma setax jiġi apprezzat mill-poplu għax (dan) ma kienx jaf il-lingwa li biha kien jitlob il-qassis – il-Latin*, u Mifsud Tommasi ma kienx jista' għaliha dik id-drawwa li waqt il-funzjonijiet tal-knisja, in-nies kienet toqgħod tgedwed talb ieħor waħidha, għax tant xtaq li *l-poplu jifhem il-kliem sabiħ tal-quddiesa, tal-lawdi u tal-vespri*. Hawnhekk wieħed irid ifakkar li l-Knisja kienet għadha bogħod milli tirrikonoxxi dan il-bżonn li l-Liturġija ssir fil-lingwa tal-poplu.

Intant, fl-1853 Mifsud Tommasi jippubblika l-ktieb *L-Inni(jiet) Mqaddsa: l-Antifoni tat-tmiem tal-Brevarju u s-Sekwenzi tal-Missal*. Fost l-innijiet sbieħ li nsibu tradotti għall-Malti f'dan il-ktieb hemm l-i*Stabat Mater*. Ma

setax jaqla' kliem ta' tifħir aqwa milli qala meta wieħed iqis li dawn ġew minn Dun Karm Psaila, il-poeta nazzjonali nnifsu. Hekk mar jikteb fuqu u fuq dan ix-xogħol ġdid tiegħu l-imsemmi poeta: "*Dun Ludovik Mifsud Tommasi kien bniedem mogħni bl-isbaħ kwalitajiet ta' poeta, teknika fil-versi, tħaddim fis-sengħa tal-kelma Maltija u sentimenti għonja ta' mħabba kbira... L-innijiet Imqaddsa nistgħu nqisuhom bħal baħar kbir li minnu nistgħu nixorbu kull ħin u kull waqt li rridu ideat ta' benna u fejda.*"Biċċa xogħol kbira oħra li daħal għaliha Mifsud Tommasi kienet it-traduzzjoni tal-Ordinarju tal-Quddiesa f'forma ta' poeżija. Biċċa xogħol, li kif igħidilna Mannicaro hu ġawhra mill-isbaħ, baqa' qatt ma ġie ppubblikat. Filfatt dak iż-żmien, aktar mil-lum ma kienx faċli tippubblika u tbigħ kotba Maltin. Mannicaro jissoponi li l-pubblikazzjoni tal-Innijiet imsemmija aktar il fuq kellha tiratura ta' mhux aktar minn 500 kopja, u probabbilment dawn ħallashom minn butu, u qassam b'xejn, aktar milli bigħhom. L-istess jingħad li kien jagħmel bin-numru sabiħ ta' kurunelli lill-qaddisin li huwa ppubblika. Dwar dan tkellem ukoll Camilleri, li wkoll tkellem dwar il-ħeġġa ta' Tommasi biex iwassal għand il-Maltin dak li bil-Latin ma kinux qed jifhmu.


Dun Karm Psaila

## Kurunelli ta' Tifħir lill-Qaddisin

Dawn il-kurunelli, jew talbiet lill-qaddisin miktuba f'versi mqabbla, kienu fost l-aktar xogħlijiet li baqa' magħruf għalihom Ludovico Mifsud Tommasi. Isimgħu x'qal Ġużè Cassar Pullicino dwar dawn il-kitbiet ta' Tommasi: *F'idejn Mifsud Tommasi l-kurunelli bħala forma letterarja laħqet l-ogħla tifsira ta' talb u tifħir lil Alla u'l qaddisin. Ħadd daqsu, la qablu u la fi żmienu u lanqas warajh, ma niseġ tifħir tista' tgħid lill-qaddisin kollha li huma meqjumin hawn Malta; ħadd bħalu ma għaraf ilaqqa' l-vers mexxej, b'taqbil ħafif, ma' tifsir għoli ta' twemmin u veritajiet tal-fidi; ħadd ħliefu ma ta lill-kotra daqshekk tagħlim reliġjuż b'mod l-aktar sempliċi biex kulħadd jiftakru malajr. Sa fi żmienna ma tiftaħx ktieb tal-knisja bil-Malti li ma taqrax ħafna versi ta' talb u kurunelli meħudin*

*mill-kitbiet tiegħu.* Saħansitra l-poeta nazzjonali tagħna Dun Karm Psaila kellu kliem ta' tifħir għal dan il-kontribut li Mifsud Tommasi ta fil-qasam tal-kitba Maltija: *Dun Ludovik Mifsud Tommasi kien il-bniedem mogħni bl-isbaħ kwalitajiet ta' poeta, teknika fil-versi, tħaddim bis-sengħa tal-kelma Maltija u sentimenti għanja ta' mħabba kbira. L-innijiet imqaddsa nistgħu nqisuhom bħal baħar kbir li minnu nistgħu nixorbu kull ħin u kull waqt li rridu ideat ta' benna u fejda.* M'aħniex se noqogħdu nsemmu l-kurunelli kollha li kiteb Mifsud Tommasi għax kieku ma nispiċċaw qatt. Iżda forsi wieħed jista' jtiegħem ftit minn din il-benna letterarja u glorja reliġjuża f'xi wħud minnhom. F'dik miktuba lil San Bastjan fl-1875 Mifsud Tommasi juri li huwa kellu l-polz tal-poplu li tant kien iħobb il-qaddisin li fihom kien jara l-figura ta' missier li jieħu ħsieb 'l uliedu:

*Sebastjanu Martri Mqaddes*
*Ilqa' l-qima li nagħtuk:*
*Bħal missier inti ħabbejtna,*
*Bħal ulied aħna nweġġgħuk.*

L-istess għamel f'isem il-Ħal Luqin li bir-raġun fittxew il-wens fi ħdan il-patrun tagħhom Sant'Andrija, u li min jaf kemm-il darba tennewha, din it-talba, tul is-snin kefrin tal-Gwerra:

*Bħal Missier l-aktar ħanin*
*Sa mill-bidu lilek ħtarna*
*Mela qatt tħalli l-għadu*
*Lilna jirbaħ, u jaħqarna.*

Fl-għażla tal-kliem tiegħu ma qagħadx lura, Mifsud Tommasi, biex jgħolli kemm jista' fil-glorja li tixirqilhom, lil dawn il-qaddisin, li huwa kien jippreżentahom lill-poplu bħala xhieda per eċċellenza ta' dak li għalina sar bniedem, bata, miet u qam rebbieħ. Hekk dwar il-prekursur tal-Imsemmi jinseġ dan il-kliem ta' tifħir:

*Għax biż-żelu int ċanfart*
*Lil Erodi diżonest,*
*Biex maqtugħa tiġi rasek*
*Manigold ġie fejnek lest.*

*Il-kuruna ta' qdusitek*
*Kif irbaħt int dakinhar*
*Nitolbuk biex taqilgħalna*
*B'ħajja tajba u mewt aħjar.*

Wieħed irid igħid li tant, dawn il-kurunelli, saru popolari mal-poplu, li sfortunatament ħafna minnhom bdew jiġu riprodotti bl-addoċċ, u f'xi każi, lanqas biss baqgħet tidher il-firma ta' Mifsud Tommasi. Madanakollu meta wieħed imur iqalleb fil-Bibljoteka u fl-Arkivji Nazzjonali u dawk Parrokkjali hemmhekk x'aktarx isib il-veru awtur tagħhom.

## Il-Kurunella ta' San Ġiljan

Aħna, f'San Ġiljan, għandna l-unur li dan is-saċerdot u awtur sagru, ma ħalliex barra lill-qaddis tagħna, u lilu wkoll kiteb versi sbieħ f'kurunella li għandna miżmuma b'għożża fl-Arkivju tal-Parroċċa. Dun Anton Sciberras jinkludih fil-lista ta' persunaġġi li taw kontribut fil-konfront tal-istorja tal-parroċċa tagħna, proprju għal din ir-raġuni. Il-probabbiltà hi li din il-kurunella nkitbet għall-knisja ta' San Ġiljan li hemm fil-parroċċa ġara ta' Bormla, dik tal-Isla, knisja li dari kellha ċerta importanza aktar mil-lum. Missirijietna ħasbu biex jakkwistaw kopja tagħha u anke l-permess biex din tiġi ppubblikata u wżata fil-parroċċa tagħna wkoll.

Għaldaqstant nagħlqu dan l-artiklu billi nduru dawra ma' din il-Kurunella li Mons Ludovico Mifsud Tommasi ddedika lil San Ġiljan. Il-Kurunella hi magħmula minn disa' pari ta' strofi ta' erba' versi 'l waħda. Dan it-taqsim jagħti spażju biex il-miġemgħa, kif kienet id-drawwa dak iż-żmien, tgħid Missierna, Sliema u Glorja wara kull par ta' strofi. Fid-



KURUNELLA
TA' TIFĦIR U TALB
LIL
S. ĠILJAN OSPITALIER

Il-faċċata tal-*leaflet*, maħruġ miċ-Ċirklu *Sant'Antnin* tal-Azzjoni Kattolika ta' San Ġiljan fl-1939, bil-kurunella lil San Ġiljan Ospitalier.

dawl ta' dan, l-awtur ħaseb biex kull par ta' strofi ikollu tema partikulari li titratta xi parti jew xi aspett mill-ħajja tal-qaddis, flimkien mal-applikazzjoni tagħha għall-ħajja tal-qarrej li jkun qed jitlob.

Hekk wara l-introduzzjoni fl-ewwel par ta' strofi, mit-tieni par'il quddiem, l-awtur jibda jimraħ fuq episodju wara l-ieħor mill-ħajja ta' San Ġiljan. Fit-tieni par ta' strofi l-awtur jirrifletti fuq l-familja għanja li fiha trabba Ġiljan, għanja mhux biss fil-ġid tad-dinja, iżda, għanja wkoll fil-ġid spiritwali. Fid-dawl ta' dan toħroġ it-talba biex Alla jagħti lilna din l-istess grazzja ta' għana u ġid spiritwali.

Fit-tielet par għandha riferenza għall-imħabba kbira, li ironikament kellu dan il-qaddis lejn il-ġenituri tiegħu, imħabba li ġegħlitu jitbiegħed minnu biex żgur qatt ma jseħħ li hu jweġġagħhom. F'isem il-fidili l-awtur jagħmel it-talba tiegħu lill-qaddis biex anke aħna ngħożżu lill-ġenituri tagħna u naħarbu kemm jista' jkun minn dak kollu li jista' jweġġagħhom.

Ma setax jonqos li Mifsud Tommasi ma jirriferix għad-delizzju ewlieni li kellu qaddisna, u dan jagħmlu proprju fir-raba' par ta' strofi. Hekk kif Ġiljan ġera kemm felaħ biex jikkaċċja ċ-ċriev, hekk aħna mħeġġa biex niġru wara l-erwieħ u naqbdu biex inkebbsu fihom "in-nar" tal-fidi.

Iċ-ċanfira taċ-ċerv, li tkexkex lil Ġiljan kburi kif kien mogħmi fid-delizzju qerriedi tiegħu, tapplika għalina wkoll, u fil-ħames par ta' strofi, Mifsud Tommasi, jitlob lil San Ġiljan biex dejjem iġibilna quddiem għajnejna "dan il-waħx/għall-isem ikrah tad-dnub," u jfakkarna "fi kruhitu/ sabiex minna jkun maħrub."

Fis-sitt par ta' strofi l-awtur jippreżentalna d-delitt faħxi mwettaq minn Ġiljan, delitt li f'għajnejn il-bnedmin qajla jsib lok għall-ħniena u għall-maħfra. Iżda quddiem Alla xejn mhu possibbli, u dan id-dnub bħal kull dnub ieħor, jinħafer ukoll kemm-il darba dak li wettqu juri ndiema sinċiera.

Is-seba' par jitratta allura din is-sogħba u din l-indiema. Ġiljan jintasab qrib ta' xmara mnejn kienu jgħaddu l-pellegrini u hemmhekk bid-dgħajsa tiegħu kien jagħtihom kull għajnuna u "(J)eħlishom minn kull ħsara." It-talba tal-fidili ma tistax ma tkunx waħda ta' xenqa għall-ħelsien mid-dnub bis-saħħa tal-penitenza.

It-tmien par ta' strofi jkompli jiddeskrivi l-azzjonijiet ta' tpatija għal dnubu, imwettqa minn dan il-qaddis. Il-ħniena hija protagonista hawnhekk, u t-talba tagħna f'din il-kurunella hi li aħna wkoll nżżejnu bi ħniena bħal din: "biex lejn ħutna nuru dejjem/Qalb hekk ħelwa u ħanina."

L-aħħar par ta' strofi jippreżenta dak il-mument ferm sabiħ tal-konferma tal-maħfra li ġiet mis-smewwiet u li żejnet 'il Ġiljan bi qdusitu:

*Wara ħajja kollha sogħba*
*Alla għarrfek li ħafirlek,*
*U dak l-Anġlu li lqajt f'darek,*
*Mewt Imqaddsa ġie ħabbarlek.*

*Aħbar tajba kif qlajt inti*
*Qabel mewtna aqilgħilna*
*Biex għal ħdanu u fi qribek*
*Il-kbir Alla jistedinna.*

It-talba tal-għeluq, imbagħad, tħeġġiġna biex "fuq l-eżempju ta' San Ġiljan nagħmlu għemejjel ta' mħabba" għax hi l-imħabba l-virtù prinċipali tal-qaddis patrun tagħna San Ġiljan. *Redemit te Charitas*. L-Imħabba tiegħek Salvatek!

**Diversi referenzi minn:**
HERITAGE No. 19, Midsea Ltd., Malta, qoxra ta' wara.
MANICARO, Kan. Dun Jesmond, "Dun Ludovik Mifsud Tommasi, Liturġista Qabel Żmienu" fi *Programm tal-Festa Marija Immakulata 2010*, maħruġ minn Ċentru 19 ta' Novembru, Bormla.
BORG, Andrew, 2010, *Dun Anton Kitbietu Miġbura*, Vol. 2, Deer Publications, Malta.
CAMILLERI, J. C., 2011, "Ludovik Mifsud Tommasi" f'*It-Torċa*, 29.05.11

